MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 2 ta' Awwissu 2021**

**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
**(Spettur Karl Roberts)**

**Vs**

**Dragana Stoiljkovic**
**(Passaport Serb numru 010887598)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Dragana Stoiljkovic** li ġiet akkużata talli fl-1 ta' Awwissu 2021, u jew fil-jiem, ġimgħat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gżejjer:

1. Iffalsifikat, biddlet jew għamlet xi tibdil f'passaporti, jew użat jew kellha fil-pussess tagħha xi passaport, li kienet taf li ġie ffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Kif ukoll talli xjentement għamlet użu minn xi dokument ieħor iffalsifikat (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. Kif ukoll mingħajr awtorità leġittima użat jew kellha fil-pussess tagħha xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużata għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputata ammettiet għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata wara li l-Qorti tatha żmien tirrikonsidra l-pożizzjoni tagħha u spjegatilha l-pieni abbinati mar-reati in diżamina;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata ammettiet għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti, tqis li għalhekk dawn l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qiegħed tinsab ħatja l-imputata u wkoll il-fatt li mal-ewwel okkażjoni l-imputata ammettiet il-ħtija tagħha. Ħadet ukoll in konsiderazzjoni il-fatt li skont ma vverbalizża l-Uffiċjal Prosekutur, l-imputata tista' tiġi mibgħuta lejn is-Serbja b'mod immedjat.

Illi din il-Qorti solitament tikkundanna lil persuni mressqa quddiemha fuq reati simili għal piena ta' priġunerija effettiva. Madanakollu, in vista ta' dak sottomess mill-Uffiċjal Prosekutur fis-seduta tal-lum, u wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputata għandha tiġi trattata b'piena ta' priġunerija sospiża.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 32 (1) (c) u (1) (f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta , u artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, issib lill-imputata **Dragana Stoiljokovic** ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha u tikkundannaha għall-piena ta' sena (1) priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tiġi sospiża għal żmien sentejn (2) mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-ħatja fi kliem ċar il-konsegwenzi ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk hija tikkometti reat ieħor fi żmien sentejn (2) mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur